MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 642/2002/1

**Guzepp Hili**

**vs**

**1. Alfred Magri,**
**2. John Magri,**
**3. Id-Direttur Taqsima Xoghlijiet, Dipartiment tad-Drenagg, u b'nota tas-7 ta' Jannar 2004 il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma qed tassumi l-atti minflok id-Direttur, Taqsima Xoghlijiet Dipartiment tad-Drenagg,**
**4. L-Avukat Generali ghan-nom u in rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Jannar, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jkunu kundannati li jhallsu, jew min minnhom lill-istanti is-somma ta' erbat elef tlett mija u sebgha u ghoxrin lira u tlieta u erbghin centezmi (Lm4327.43), jew somma verjuri, danni minnu imgarrba b'rizultat ta' incident awtomobilistiku li gara fl-24 ta' Mejju 2002 fi Triq l-Istabal, Qorti bejn il-vettura BAA 271 proprjeta' tal-istanti u l-vettura DAH 415 misjuqa mill-konvenut Alfred Magri u proprjeta' tal-konvenut John Magri.

Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut jew min minnhom kienu responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza.

Bl-ispejjes u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 2002 presentati kontra l-konvenuti, liema konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti <u>John Magri u ta' Alfred Magri</u> (fol 11 tal-atti) u li biha eccepew:-

1. Illi John Magri huwa s-sid tat-truck DAH 415, li dakinhar kien misjuq minn huh il-konvenut l-iehor Alfred Magri. Huwa ma kellu ebda konnessjoni mal-incident u ghalhekk mhux il-legittimu kontradittur tal-attur.

2. Illi Alfred Magri, li kien qed isuq il-vettura imsemmija li habtet mal-vettura tal-attur, ma jahtix ghall-incident billi dan gara purament a kawza tal-fatturi ambjentali tal-mument, u cioe' xita qawwija u triq imfawwra b'drenagg u materjal xahmi, li ghamilha impossibbli lill-konvenut li jevita l-incident.

3. Salvi eccezzjonijiet ohrajn permessi mill-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Direttur tad-Dipartiment tad-Drenagg u l-Avukat Generali tar-Repubblika (fol 12 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni odjerna a tenur ta' l-Artikolu 181B subartikolu 2 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);

2. Illi kwantu t-talbiet attrici huma diretti fil-konfront tal-konvenut Direttur tad-Dipartiment tad-Drenagg, dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fil-konfront ta' l-eccipjenti kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazjoni fil-qasir ta' Dottor Guido Pace Spadaro.

Ikkunsidrat

Illi PS 318 Francis Rogers (fol 37 et seq ibid) kien investiga dan il-kaz u esebixxa l-iskizz u kopja tar-rapport annessa a fol 39 u fol 43. L-istess xhud irrefera specifikatament ghall-fatt illi parti mit-triq li fuqha sehh dan l-incident kienet "all slippery". Difatti hu kien ra "qiesu xaham" u "ghalhekk lanqas stajt nimxi fuq l-istess triq". Dwar l-istess materjal " li bih stajt tizloq (tiskiddja)", hu ra u ikkostata li kien hiereg minn tappiera tad-drenagg. Meta ghamel kuntatt mad-Dipartiment tad-Drenagg, hu kien gie informat "li sforz tax-xita li ghamlet kien hareg ilma mit-tappiera" u "li huma ma jkollhom l-ebda kontroll kull darba li taghmel ix-xita" u wara dan l-incident kienu intervenew nies addetti mal-Protezzjoni

Civili u ntefa' ramel fuq it-triq (ara ukoll "Police version of events" kif ukoll "Drivers statements" a fol 41 tal-atti kif ukoll l-imsemmi skizz a fol 43).

Illi l-attur (fol 45 et seq ibid xehed li kien qed jsuq "van" numru BAA 271. Fi kliemu stess "F'certu hin hassejt il-"van" tieghi jigri bija minhabba li kien hemm hafna xaham fuq it-triq u l-"van" tieghi skidjat" u bhala konsegwenza "strihajt mal-hajt" fuq ix-xellug tieghu. Hawnhekk hu, ma' kien sofra l-ebda hsara fil-"van" izda "'daqqa wahda … hassejt daqqa fuq wara …" peress li kien habat 'truck' kbir jigbed "trailer" b'forklifter" fuqu mal-van misjuq minnu. Minhabba hekk il-"van" tieghu safa' "total loss" u kien kostrett, ukoll jikri iehor ghal zmien twil. Dwar dak li xehed, hu esebixxa diversi ritratti (fol 48 ibid) u li fuq diversi minhom hu muri l-istat tat-triq involuta u t-tappiera "li minnha kien hiereg aktarx ix-xaham".

Ikkunsidrat

Illi l-Korporazzjoni konvenuta ipproduciet lil Edward Agius, stazzjonat fis-sezzjoni tad-Drenagg. Dan spjega illi fil-jum tal-incident in esami kien irceva telefonata sabiex tinformah li kien hemm sadd ("blockage") fit-triq Stabal u meta mar fuq il-post, hu kien ra' hiereg fuq t-triq kemm ilma kemm drenagg. Inoltre oltre li rrediga rapport dwar dan il-kaz esebit in atti a fol 56 et seq ibid, hu kien baghat numru ta' nies, b'kollox sitta, sabiex jindagaw dwar x'kienet il-problema. Jigi notat mill-istess rapport illi l-istess "problema" "ossija ilment" kienet avverat ruhha mhux biss fid-data tal-incident izda anke f'dati ohrajn precedenti bl-ewwel wahda, t-13 ta' Mejju 2002, b'kollox f'hames okkazjonijet. F'kazijiet bhal dawn, ix-xhud spjega illi kull ma jsir hi t-tnehhija tas-sadd "sabiex jigi kollox normali". In rigward l-origini ta' dan kollu, hu semma' illi "fil-post in kwistjoni normali li jinstab xaham …. gol-"main" peress li fil-lokalita hemm hafna fabbriki fosthom wahda imsemmija l-

aktar fl-istess rapport. (ara ukoll iz-zewg pjanti esebiti mill-istess xhud a fol 61 u fol 62 ibid).

Illi gew prodotti zewg xhieda ohra mill-istess Korporazzjoni ossija Joseph Laus u Paul Gatt rispettivament "foreman" u "mechanical engineer" (fol 63 u fol 67 et seq ibid). Jigi notat illi Paul Gatt (fol 67 ibid) semma "F'dan il-kaz, ghal perjodu in kwistjoni, kellna diversi talbiet, ta' sikwit sabiex jipprovdu "bowser" minhabba li fuq it-triq in kwistjoni kien qed jkun hemm ammont konsiderevoli ta' xaham ossija "grease". Dwar il-"main" involut, ix-xhud semma' li dan kien jitnaddaf ta' sikwit u ta' spiss minhabba l-volum tax-xita ".. u meta taghmel hafna xita jfur". Hu spjega s-sadd billi qal illi kien qed jintefa' xaham fil-"main" tad-drenagg prattika li mhux permessa u dan kien il-kawza diretta tal-istess sadd.

Ikkunsidrat

Illi s-sewwieq tal-imsemmi "truck" Alfred Magri (fol 72 et seq ibid) wara li qal li l-konvenut l-iehor, John Magri, huh, bl-ebda mod ma kien involut f'dan il-kaz. Hu kompla billi spjega illi meta gara l-istess incident, kienet ix-xita. Kif kien ghaddej fit-triq in kwistjoni hu kien ra "van", quddiem jinsaq fl-istess direzzjoni u "sejjer minn naha wahda ghal l-ohra tat-triq"u jahbat mal-hajt. Kif ra hekk hu ghafas il-pedala tal-"brake" izda xorta wahda habat mal-istess "van" fuq il-bieba ta' wara. Meta nizel mit-"truck" misjuq minnu, hu qal "kont ser nizloq fuq it-triq". Difatti qabel l-incident, hu kien hass illi t-"truck" tieghu, kien qed "jiskiddja" u kien innota li fuq it-triq, kien hemm "sapun u xaham". Inoltre "van" iehor li kien gej mid-direzzjoni opposta, laqat, ukoll, l-istess "truck".

Ikkunsidrat

Illi dwar dak premess, ghandhom jigu rilevati is-segwenti fatti:-

a) Il-konvenut, John Magri, bl-ebda mod ma kien involut f'dan l-incident u ghalhekk ma jistax jigi ritenut bhala responsabbli ghal dan l-incident. Inoltre l-Avukat Generali ma hux l-legittimu kontradittur.

b) Dwar il-fattur ta' "skidding" jidher illi dan kien dak li kkawza dan l-incident billi jirrisulta mill-provi illi l-vetturi kollha involuti f'dan il-kaz "skiddjaw" minhabba dak il-materjal li kien hiereg mill-"main" tal-drenagg "Per se", l-istesss fattur ghandu jigi konsiderat bhala wiehed newtrali u dan sakemm ma jkun abbinat ma sewqan negligenti li kkawza l-istess "skidding". Mill-analisi tal-proi ma irrisulta l-ebda sewqan traskurat anke f'livell ta' kontributorjeta da parti tal-attur jew tal-konvenut Alfred Magri bhal, per ezempju, velocita eccessiva jew nuqqas ta' zamma ta' distanza, bejn vettura u ohra.

Illi, pero, jigi sottolineat illi mill-istess provi irrisulta illi f'diversi okkazzjonijiet differenti kien hemm materjal bhal dak in esami u li seta jikkawza incidenti bhal dak in esami li kien hareg mill-"main" tad-drenagg u kien jispetta lill-Korporazzjoni konvenuta sabiex tiehu l-misuri u l-prekawzjonijiet kolha necessarji u mehtiega sabiex is-sitwazzjoni kronika fil-lokalita tigi rimedjata. Hawnhekk trid issir referenza ghall-artikolu 1031, 1032 (1) (2) u 1033 tal-Kodici Civili ohre li jigi rilevat li l-kaz in esami ma jidhirx li hu esentat a basi tal-Kapitolu 355 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk l-istess Korporazzjoni ghandha tigi ritenuta responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza da parti taghha.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-"quantum" ta' danni sofferti mill-attur, oltre li ma ngiebet eda prova sabiex dak

pretiz mill-attur jigi kontestat, issir refereza ghax-xhieda tas-“surveyor” inkarigat mill-istess attur cjoe Walter Vella (Fol 24 et seq ibid). A bazi ta’ dan, dak mitlub mill-attur jidher gustifikat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-Gudizzju tilqa’ t-talbiet attrici:

1. tiddikjara lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma bhala unikament responsabli ghall-incident awtomobilistiku in esami u dan minhabba negligenza da parti taghha.

2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm4327.43 ossija €10,080.20 u;

3. tikkundanna lill-istess Korporazzjoni konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ Lm4327.43 ossija €10,080.20 bl-imghax legali mill-31 ta’ Ottubru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha inklusi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta’ Lulju 2002 kif ukoll dawk tal-konvenuti l-ohra Alfred u John Magri.”

L-appell tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma hu koncepit fis-sens illi hi ma kienetx fi htija ghad-danni subiti mill-attur ghaliex is-sadd fil-main tad-Drenagg u ghall-izbruffar ta’ dan fit-triq transitata mill-attur ma kienx dovut ghal xi nuqqas ta’ manutenzjoni da parti taghha izda ghal fatt li terzi mhux maghrufa tefghu xaham fil-*main* tad-drenagg. L-istess Korporazzjoni appellanti tissokta tikkontendi illi ma kienx kompitu taghha li tinforza l-ligi li tirregola r-rimi ta’ materjal fid-drenagg pubbliku. B’aggravju iehor tissottometti illi ma kellhiex, f’kull kaz, tigi kkundannata ghall-ispejjez gudizzjarji *di fronte* ghall-konvenuti l-ohra;

Brevement hafna, il-fatti li taw lok ghall-incident u ghad-danni konsegwenzjali kienu dawn. L-attur kien qed isuq il-

vann tieghu fil-lokalita ta' l-Istabal, Marsa f'xita qawwija meta hass il-vettura tigri bih u tiskiddja, anke ghaliex irrizulta li l-art kienet inondata b'hafna xaham li hareg minn tappiera tad-drenagg. L-istess skiddjar kien il-kagun li l-vettura, misjuqa mill-konvenut Alfred Magri, u li kienet qeghda tikkonsegwi dik ta' l-attur, baqghet diehla gol-vann ta' dan;

Ma jidherx li jezisti kuntrast illi fil-jum ta' l-incident l-art kienet tizloq minhabba dak il-fatt accertat tax-xaham. Dan hu konfermat mix-xhieda kollha li ddeponew quddiem l-ewwel Qorti u in partikulari l-annotament "*area of Stabal road all slippery*" maghmul minn PS 318 Francis Rogers fuq l-iskizz esebit a fol. 43;

Il-Qorti jidhrilha li ghal mument ghandha tissofferma fuq dawn l-eventi li ssuccedew biex taghmel din il-precizazzjoni. Skond il-taghlim gurisprudenzjali "l-iskid, bhala tali, ma jeskludix responsabilitajiet u ghalhekk ghandu jigi ezaminat jekk l-istess skid, f'kull kaz in partikulari, kienx dovut ghall-htija ta' xi hadd, kif ukoll jekk setax jigi evitat jew korrett; ghax l-iskid jista' jkun ukoll provokat mill-mod kif wiehed isuq, billi d-*driver* ma jkunx ha l-prekawzjonijiet necessarji li c-cirkustanzi eccezzjonali li jkun jinsab fihom ikunu jirrikjedu" ("**Giuseppe Borg *nomine* -vs- Algernon Crockford *nomine***", Appell Civili, 18 ta' April, 1952). Fil-kaz prezenti l-provi ma jwasslux biex jiddeterminaw illi kien hemm xi htija fil-mod ta' sewqan, la ta' l-attur u lanqas tas-sewwieq l-iehor, il-konvenut Alfred Magri. Meta dan hu hekk u l-fatt ta' l-iskidd ma jkunx sar b'xi htija tal-konvenuti, izda accidentalment, b'mod li l-vetturi saru inkontrollabbli, allura, kif ukoll insenjat, in-negligenza li taghti lok sew ghar-responsabilita` civili u anke dik penali, hi eskluza. Ara "**Il-Pulizija -vs- Carmel Cachia**", Appell Kriminali, 11 ta' Dicembru, 1954;

Il-provi pacifici juru, inekwivokalment, illi l-*fons et origo malo* ta' l-event dannuz li sehh kien ix-xaham li hareg fit-

triq mill-*main* tad-drenagg. Il-Korporazzjoni appellanti tittanta teskulpa ruhha billi tinvoka d-difiza tat-terz injot. Fuq il-punt din il-Qorti gja kellha opportunita` tikkummenta, bis-sostenn ta’ gurisprudenza affermata, illi “d-difiza tat-terz injot mhix sostenibbli ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista’ tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza”. Ara “**Middlesea Insurance plc *nomine* -vs- Mariella Geres**”, 15 ta’ Frar, 2006 u s-sentenzi fiha riferenzjati;

Apparti r-rijaffermazzjoni ta’ dan il-principju, fir-realta` processwali s-sottomissjoni tal-Korporazzjoni appellanti lanqas ma tista’ tigi ezawdita. F’dan, il-Qorti ma tistriehx biss fuq l-awtorita` taghha izda issib korroborazzjoni minn dawn l-elementi ta’ provi:-

(1) Skond Edward Agius, impjegat tal-Korporazzjoni appellanti, “fil-post in kwestjoni normali li jinstab xaham” (fol. 54). Dan ghar-raguni li fil-lokalita` fejn sehh is-sinistru hemm bosta fabbriki, fosthom dik ta’ l-Edible Oil. Dan hu evidenzjat mid-dokumenti esebiti minn fol. 56 sa fol. 60 konsistenti f’rapport ta’ imblukkar tad-drenagg, fi granet differenti, proprju fil-parti tat-triq hdejn il-fabbrika msemmija;

(2) Paul Gatt, Mechanical Engineer ma’ l-istess Korporazzjoni, jafferma fid-deposizzjoni tieghu a fol. 67 illi fil-perijodu in kwestjoni (sena 2002) kienu frekwenti t-talbiet ghal provvizjon ta’ *bowser* peress li fit-triq in kwestjoni kien ikun hemm “ammont konsiderevoli ta’ xaham, osija *grease*”. Tant li fuq il-konstatazzjonijiet u l-verifiki minnu maghmula huwa hass in-necessita li jirrapporta lid-Discharge Monitory Unit biex din “tivverifika l-origini ta’ dan ix-xaham”;

Minn dawn l-elementi ta’ provi jinzlu dawn ir-riljevi:-

(1) Il-Korporazzjoni, minn zmien qabel l-incident *de quo*, kienet ghal korrenti tal-fatt illi f’dik il-parti tat-triq kienet tezisti sitwazzjoni ta’ perikolu u ta’ insidja ghall-

utenti. Dan ma jistax hlief ifisser illi la din il-qaghda kienet prevedibbli ghall-istess Korporazzjoni din kienet tenuta tiehu dawk il-mizuri u prekawzjonijiet rimedjali li dik l-esigenza kienet hekk tiddettalha biex tiskansa lill-utenti sitwazzjoni intensament perikoluza minhabba dik il-kondizzjoni ambjentali tax-xaham li mid-drenagg tizbroffa fit-triq;

(2) Mhux biss kellha tirrikorri ghal manutenzjoni u vigilanza kontinwa tas-sistema tad-drenagg izda, fuq kollox, li bhala enti responsabbli, tirrisali ghas-sors tal-problema u tassikura anke permezz ta' awtoritajiet kompetenti ohra, li l-kontravventur jigi punit ghal dik l-inosservanza minnu tal-ligijiet u tar-regolamenti. Problema din li, wisq presumibilment, anke minn dak rilevat mid-dokumenti minn fol. 56 sa fol. 60, ma kienetx wahda ta' xi diffikolta insormontabbli ghall-iskoperta tal-fonti taghha;

(3) Fil-fehma tal-Qorti l-Korporazzjoni appellanti ma kellhiex tikkuntenta ruhha, b'ezimenti tar-responsabilita` taghha, fuq il-kondotta kommissiva ta' terzi mhux maghrufa izda kellha invece positivament tagixxi biex il-problema tigi stronkata darba ghal dejjem. Jekk xejn, b'rispett ta' l-utenti li jitransitaw minn dik it-triq. Huwa proprju dan in-nuqqas tat-tehid tal-kawteli kollha necessarji, kif aktar 'il fuq ikkumentat, li minnu l-Qorti tirravviza mgieba ommissiva fil-Korporazzjoni u li, allura, fil-kaz specifiku, jikkreja n-ness ta' kawzalita bejn din l-istess imgieba u l-event ta' dannu subit mill-attur appellat;

Maghdud dan, din il-Qorti lanqas ma tara li tista' taccetta l-ilment dwar temperament fil-kap ta' l-ispejjez ghaliex l-attur sew ipproceda gudizzjarjament kontra l-konvenuti. *Del resto*, kif ukoll gie accertat, il-ksur tal-principju *neminen laedere* ma sarx mill-konvenuti l-ohra izda mill-Korporazzjoni, eskluzivament.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fit-totalita` taghha, bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------